# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 1088/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540)**

**Vs**

**Paul Borg et (I.D. 1061846M)**
**Josephine Theresa Borg (I.D. 950847M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti datat 21 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

   *Illi l-assikurati tad-ditta attriċi, Mario Debattista u Rita Debattista, huma propjetarji tal-fond tagħhom Flat 6, Mary Flats, Cathedral Street, St. Paul's Bay, li huma akkwistaw b'kuntratt tat-22 ta' Jannar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia li kopja tiegħu qed tiġi hawn anness u immarkata "Dok A";*

   *Illi l-intimati huma propjetarji tal-apartament sovrastanti innumerat, Flat 7, Mary Flats, Cathedral Street, St. Paul's Bay u l-arja tiegħu, li l-intimati waqqgħu u li minfloku bnew erba appartamenti u penthouse;*

   *Illi tul il-kors tal-bini ta' dawn l-erba' appartamenti u penthouse beda jipperkola ilma mill-fondi sovrastanti propjeta' tal-intimati għall-fond tal-assikurati Debattista, stante li x-xogħlijiet tħallew fi stat mhux komplut, mingħajr kontrabejt u mingħajr madum, u miftuħ għall-elementi, biex b'hekk ix-xita li niżlet u li għadha nieżla fil-fond tagħhom qed tikkawża ħsarat fil-*

*madum, ħsarat fil-bibien u l-aperturi, gypsum, ħsarat fis-sistema elettrika, attrezzaturi, burner, cooker u fridge, ħsarat fl-għamara, problema ta' umdita', u ħsarat oħra li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża u skont Dok C u D hawn annessi;*

*Illi din il-perkolazzjoni ta' ilma saret minħabba negliġenza u imperizja da parti tal-intimati li ħallew ix-xogħlijiet fi stat mhux komplut mingħajr kontrabejt u mingħajr madum u miftuħ għall-elementi, biex b'hekk ix-xita li niżlet u li għadha nieżla fil-fond tal-konjuġi Mario u Rita Debattista u ta' sidien oħra lil-blokka, ikkawżat u għadha qed tikkawża danni inġenti fil-fond propjeta' ta' Mario u Rita Debattista, konsistenti fost l-oħrajn f'ingress ta' ilma u ħsarat oħra kif ser jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi dwar dawn id-danni il-konjuġi Debattista ġia fetħu kawża kontra l-konvenuti — il-kawża fil-Prim Awla li tinsab differita għad-09 ta' Novembru 2021 u hija Rik Ġur 94/21 FDP fl-ismijiet Mario Debattista et vs Paul Borg et. Għall-ekonomija tal-ġudizzju ikun opportun li din il-kawża odjerna timxi mal-kawża ġia miftuħa mill-konjuġi Debattista u li l-provi miġbura f'dik il-kawża jgħoddu ukoll għal kawża odjerna.*

*Illi id-ditta attriċi a bażi ta' polza ta' assikurazzjoni ħallset lill-konjuġi Debattista l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000.00) u ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati tagħha u dan kif jirriżulta mill-annessi Dok E. Id-ditta attriċi ħallset dan l-ammont fis-16 ta' April, 2021 Dok F.*

*Illi minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex jieħdu azzjoni immedjata anke b'ittra uffiċjali tad-19 ta' Jannar 2021, Dok B hawn anness, u sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni, huma baqgħu inadempjenti; baqgħu inadempjenti ukoll meta permezz ta' rikors ġuramentat fil-Prim Awla li jinsab differit għad-09 ta' Novembru 2021 (Rik Ġur 94/21 FDP fl-ismijiet Mario Debattista et v Paul Borg et.) huma ġew mitluba jħallsu lill-assikurati Debattista id-danni li l-konjuġi Debattista sofrew in eċċess ta' dak imħallas lilhom mid-ditta assikuratriċi.*

*Għaldaqstant prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, u għar-raġunijiet premessi, jgħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m' għandhiex: -*

1. *Tordna li din il-kawża timxi mal-kawża li tinsab differita għad-09 ta' Novembru 2021 u ċioe' Rik Ġur 94/21 FDP fl-ismijiet Mario Debattista et v Paul Borg et. u li l-provi prodotti f'dik il-kawża jgħoddu ukoll għal din il-kawża;*

2. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għall-ħsara kollha sofferta mid-ditta assikuratriċi u mill-assikurati tagħha bil-perkolazzjoni ta' ilma mill-arja fejn qabel kien hemm l-appartament nru. 7, Mary Flats, Cathedral Street, St. Paul's Bay, propjeta' tal-intimati, u fejn illum jinsabu mibnija erba' appartamenti u penthouse li kienu fi stat ta' ġebel u saqaf;*

*3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lid-ditta attriċi l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000.00) liema ammont l-istess ditta attriċi ħallset lill-assikurati tagħha konjuġi Debattista; jew somma verjuri kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, a bażi ta' liema ħlas il-konjuġi Debattista issurrogaw lid-ditta attriċi fid-drittijiet tagħhom kontra l-konvenuti għar-risarċiment tad-danni sofferti sal-ammont imħallas lilhom.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Jannar 2021, Dok. B, u bl-imgħax legali mid-data tad-19 ta' Jannar 2021, sad-data tal-effettiv pagament.*

2. Rat illi fl-10 ta’ Diċembru 2021 l-intimati Paul u Josephine Theresa Borg irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

*1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenuti jqajmu l-eċċezzjoni ta' ‘lis alibi pendens' skond l-artikolu 792 et seq tal-Kap 12, u għalhekk l-konvenuti jinsistu li din il-kawża tmur quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili diversament preseduta, u senjatament quddiem l-Onor Imħallef Francesco Depasquale sabiex din il-kawża tinstema' konkorrentement mal kawża fl-ismijet Mario Debattista et vs Paul Borg et bir-rikors ġuramentat numru 94/2021 FDP, billi si tratta ta' l-istess inċident, l-istess appartament u dwar l-istess danni, u fejn f'din il-kawża is-soċjeta’ assikurativa qiegħda biss tissuroga lilha nnifsiha fid-drittijiet tal-konjuġi Mario Debattista et, li dwarha hemm il-kawża quddiem il-Prim 'Awla Tal-Qorti Ċivili quddiem l-Onor Imħallef Francesco Depasquale LLD (vide dok E mar-rikors ġuramentat). Illi jekk dan ma jsirx żgur u mingħajr ombra ta' dubju ser ikun hemm konfużjoni u abbuż tas-sistema ġudizzjarja sabiex is-soċjeta’ assikurattiva u/jew il-konjuġi Mario Debattista et jieħdu danni doppji li ma ħaqqhomx, billi sa llum għad ma hemm ebda trasparenza ta' xejn la preċiżament x'jikkonsistu bħala danni fil-kawża bir-rikors ġuramentat numru 94/2021 u x'jikkonsistu bħala danni f’din il-kawża bir-rikors ġuramentat numru 1088/2021.*

*2. Illi għalhekk din il-kawża oltre li m'għandhiex titkompla quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta mill-Onor Imħallef Neville Camilleri, għandu jkun hemm dikjarazzjoni maħlufa u elenkata mill-bidu nett, da parti tas-soċjeta’ assikurattiva, ta' x'inhuma l-pretensjonijiet in kwantu bħala danni qed jippretendu li huma differenti minn dawk mitluba fil-kawża fl-ismijet Mario Debattista et vs Paul Borg et bir-rikors ġuramentat numru 94/2021 FDP;*

*3. Illi inoltre u fir-rigward ta' talba attriċi, l-konvenuti konjuġi Borg jixtiequ li din il-kawża timxi mal-kawża fl-ismijet Mario Debattista et vs Paul Borg et bir-rikors ġuramentat numru 94/2021 FDP wkoll li din il-kawża tinstema’ flimkien u konkorrentement mal-kawża 94/2021, fejn l-istess Onorabbli Imħallef jisma' l-provi taż-żewġ kawżi quddiem il-Prim 'Awla Tal-Qorti Ċivili, u l-eċċipjenti jagħmlu ċara li l-eccipjenti għandhom ikollhom kull dritt li jippreżentaw provi ulterjuri li jgħoddu kemm għal*

*din il-kawża kif ukoll għall-kawża 94/2021 FDP, kif ukoll li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri fil-kawża 94/2021 FDP.*

4. *Illi l-konvenuti qegħdin iressqu l-eċċezzjoni li ma jeżisti ebda 'disclosure' da parti tas-soċjeta' assikurattiva ta' x'preċiżament qiegħed jintalab bħala danni u x'jiddistingwi d-danni fil-kawża fl-ismljiet Mario Debattista et vs Paul Borg et bir-rikors ġuramentat numru 94/2021 FDP u din il-kawża propja fl-ismijiet Mediterranean Insurance (Brokers) Malta Limited vs Paul Borg et bir-rikors ġuramentat numru 1088/2021 NC ntavolata mis-soċjeta' assikurattiva attriċi;*

5. *Illi fil-Code of Business Rulebook maħruġa mill-Malta Financial Service Authority, l-kriterju ta' 'disclosure' huwa fundamentali u bażilari. Illi dan il-kunċett ta' 'disclosure' huwa importanti mhux biss fir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn soċjeta' assikurattiva u/jew soċjeta' assikurattiva li tiġġestixxi bħala broker, u l-klijent jew klijenti tagħhom, imma dan il-kriterju ta' 'disclosure' huwa fundamentali anki fi rigward ta' terzi persuni affettwati, bħal kif huma l-konjuġi konvenuti Borg, fejn ma ġie ppreżentat ebda polza ta' assikurazzjoni ma' din il-kawża, ħaġa li s-soċjeta' ma għandhiex taħbi u ħaġa fundamentali għall-ħarsien tad-drittijiet ta' l-istess konvenuti (wkoll). Illi lanqas ma' l-polza ta' assikurazzjoni ma' ġiet preżentata fil-kawża 94/2021 u ġiet biss preżentata nhar id-9 ta' Novembru 2021 fid-dokumenti PM 1 sa PM 7 inklużi fejn sa llum il-konjuġi Borg lanqas ma kellhom possiblilita' jaraw l-unika kopja li ġie ntavolat fis-seduta mix-xhud Pearl Micallef bħala rappreżentant tas-soċjeta' Mediterranean Insurance (Brokers) Limited waqt il-provi konvenuti, u ċjoe' provi tal-konjuġi Borg f'dik il-kawża) kif jidher mill-kopja tal-verbal tad-9 ta' Novembru 2021 (dok XI);*

6. *Illi għalhekk, minħabba l-fatt li l-polza ta' assikurazzjoni lanqas ma ġiet ippreżentata ma' l-intavolar tal-kawża, l-esponenti konjuġi Borg lanqas ma kellhom l-opportunita' li jaraw l-interpretazzjoni u d-definizzjonijiet tal-ftehim kontrattwali ta' bejn il-konjuġi Debattista u s-soċjeta' assikurattiva, fejn għalhekk jirriżervaw id-drittijiet tagħhom kollha sabiex iqajmu eċċezzjonijiet ulterjuri;*

7. *Illi s-soċjeta' assikurattiva lanqas ma ppreżentat la f'din il-kawża u lanqas fil-kawża 94/2021, il-proposal form tal-klijenti konjuġi Debattista, li tifforma parti integrali tal-ftehim assikurattiv;*

8. *Illi s-soċjeta' attriċi lanqas ma ppreżentat dak kif miftiehem mal-konjuġi Debattista skond il-Form of Acceptance and Discharge (dok E mar-rikors ġuramentat) kwalunkwe riċevuti oltre s-somma ta' Euros 12,500, kif wara kollox hemm pattwit bejn il-konjuġi Debattista u s-soċjeta' assikurattiva Malta International Brokers (Malta) Limited, fejn għalhekk u b'kull rispett, il-konjuġi Borg jirriżervaw id-drittijiet tagħhom li jqajjmu eċċezzjonijiet ulterjuri iktar il-quddiem jekk ikun hemm bżonn;*

9. *Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq eċċepiti, l-intimati Paul u Josephine konjuġi Borg ġja ddepożitaw is-somma ta' Euros 14,000 a*

*favur Mario u Rita konjuġi Debattista permezz ta' żewġ ċedoli 6/2021 u 482/2021 preżentati f1-4 Jannar 2021 u s-17 ta' Marzu 2021 fl-ammont ta' Euros 4,000 u Euros 10,000 rispettivament fir-Reġistru tal-Prim' AwIa Tal-Qorti Ċivili, liema konjuġi Borg huma konvinti li d-danni totali tal-konjuġi Debattista (għall-finishings, fixtures u għamara) ma jeċċedux din is-somma u/jew somma verjuri (fejn ix-xogħolijiet strutturali saru mill-konjuġi Borg (a spejjeż esklussivament tal-konjuġi Borg) qabel l-intavolar tal-kawża 94/2021 FDP) , u dan wara l-konjuġi Borg marru u aċċedew fil-fond tal-konjuġi Debattista San Pawl il-Baħar, f'Diċembru 2020 flimkien mal-Periti tal-fiduċja tagħhom Godwin Aquilina u Kurt Sammut Alessi, u fejn dan kien ukoll ġie spjegat fl-ittra uffiċċjali tat-22 ta' Frar 2021 dok PJB2.*

10. *Illi s-soċjeta' attriċi qatt ma għamlet kuntatt mal-konjuġi konvenuti Borg, u fil-fatt l-ittra uffiċċjali li ġiet preżentata bħala dok B mar-rikors promotur tas-soċjeta' attriċi, tirrigwarda ittra uffiċjali magħmula minn Mario u Rita konjuġi Debattista (mingħajr ma kien hemm ebda kommunikazzjoni u/jew diskors mas-soċjeta' attriċi) ħlief mal-konjuġi Debattista; fejn għalhekk jekk is-soċjeta' attriċi assikurattiva għamlet din il-kawża minħabba flejjes ulterjuri li ħarġu allura għandha tkun is-soċjeta' attriċi li għandha tieħu proċeduri differenti fil-konfront tal-konjuġi Debattista, u mhux fil-konfront tal-konjuġi Borg;*

11. *Illi rigward tat-tieni talba attriċi l-intimat ġia ddikjaraw fil-kawża 94/2021 li huma responsabbli għal dak il-ħsara li kkaġunaw lill-konjuġi Mario u Rita Debattista, iżda jikkontestaw il-ħsara kollha sofferta mid-ditta assikuratriċi billi s-soċjeta' assikuratriċi għaġġlet sabiex tħallas lill-konjuġi Debattista, u ma għamiltx il-verifiki tagħha tax-xogħolijiet li saru mill-konjuġi Borg (a spejjeż esklussivament tal-konjuġi Borg) u tad-danni li verament ġew ikkaġunati lill-konjuġi Debattista. Illi s-soċjeta' attriċi lanqas qatt ma għamlet kuntatt mal-konjuġi Borg, u kwindi għalhekk kif jista' jkun li ħallsu lill-assikuranti tagħhom qabel lanqas ma vverifikaw il-fatti ma' kulħadd?*

12. *Illi b'kull rispett, s-soċjeta' attriċi għandha wkoll l-obbligu li tillimita u timinimizza d-danni, fejn f'din il-kawża qiegħda titlob is-somma ta' Euros 25,000, liema somma hija eċċessiva, u liema somma kif mitluba fir-rikors ġuramentat promotur, ma tagħmel ebda distinzjoni u/jew ma turi ebda ħjiel ta' distinzjoni, bejn dak mitlub mill-konjuġi Debattista fil-kawża 94/2021 għas-somma ta' Euros 40,000 u/jew somma verjuri, u din il-kawża fejn hemm talba mis-soċjeta' attriċi għal Euros 25,000.*

13. *Illi huwa ċar u ovvju kemm bil-preżentata tal-kawża 94/2021 u kemm minn din il-kawża 1088/2021, li qegħdin jirriżultaw kif ngħidu bl-Ingliż "incongruences" bejn dak dikjarat mill-konjuġi Debattista u/jew min minnhom, u bejn l-egħmejjel li 'prima facie' jidhru li għamlu (probabbilment taħt pressjoni tal-konjuġi Debattista) fejn is-soċjeta' attriċi ħarġet u tttrasferiet is-somma ta' Euros 25,000 skond id-dok F, lill-konjuġi Debattista. Illi l-konvenuti ma għandhom ebda tort u/jew responsabbilita' ta' dak li għamlet is-soċjeta' attriċi;*

14. *Illi minn uħud mir-ritratti dok C u D tar-rikors promotur, huwa ċar u ovvju li s-soċjeta' attriċi u/jew l-assikuranti tagħhom (konjuġi Debattista) ma ħadu ebda prekawzjonijiet sabiex jillimitaw id-danni fejn per eżempju ħallew oġġetti bħas-sufan u oġġetti mobbli oħra, preċiżament fl-istess post fejn dejjem kienu jixxarrabu u dan għalhekk l-konvenuti m'għadhomx ikunu responsabbli għad-danni kollha meta l-konjuġi Debattista ma aġixxewx kif kellhom jaġixxu bħala bonus paterfamilias.*

15. *Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq riferiti, oltre li d-danni jridu jinżammu 'at a minimum' hemm ukoll il-konsiderazzjoni tad-deprezzament ta' oġġetti, u dan jinkludi l-white goods, kuker, friġġ, airconditioners, il-kċina fitted, u anki oġġetti bħal purtieri, sufan u affarijiet oħra li jirriżultaw (anki mir-ritratti stess esebiti mill-attriċi) li ma kinux ġodda!*

16. *Illi t-tielet talba attriċi qiegħda tiġi kontestata billi l-ammont m 'huwiex dovut u tirriżulta l-kawża 94/2021 fejn f'dik il-kawża stess, il-konjuġi Borg kienu ġia ddepożitaw fir-Reġistru tal-Qorti s-somma ta' Euros 14,000 li jistgħu jittieħdu b'mod liberu mill-konjuġi Debattista, permezz ta' żewġ ċedoli kif spjegati hawn fuq. Illi fid-dawl ta' dak, u fid-dawl tal-eċċezzjonijiet hawn fuq elenkati, t-tielet attriċi qiegħda tiġi kontestata.*

17. *Illi l-eċċipjenti jagħmlu wkoll tagħhom l-eċċezzjonijiet kollha ġia sollevati minnhom fil-kawża 94/2021 FDP fl-ismijiet "Mario Debattista et vs Paul Borg", safejn huwa kompatibbli ma' dak mitlub mis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża u dak hawn eċċepit.*

18. *Illi in vista ta' dak ukoll mitlub fis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża, l-eċċipjenti jirriservaw ukoll id-dritt li jressqu eċċezzjonjiet ulterjuri u provi ulterjuri fil-kawża 94/2021 FDP.*

19. *B'riserva espressa ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' attriċi.*

**Provi:**

3. Rat illi fit-22 ta' Frar 2022, l-atti tal-kawża odjerna inġiebu quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, sabiex jimxu kontestwalment mal-kawża fl-ismijiet 'Mario Debattista et vs Paul Borg et', Rikors Ġuramentat Nru 94/2021 FDP, illi qiegħda tinstema' minn dina l-Qorti u li qiegħda tiġi deċiża llum stess flimkien mal-kawża odjerna.

4. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2022, il-partijiet qablu illi l-provi miġbura fil-kawża 94/2021 FDP fuq ġia indikata kellhom japplikaw għall-kawża odjerna wkoll, liema posizzjoni ġiet ripetuta għal darba oħra fil-25 ta' Mejju 2023. (fol 68)

5. Rat li permezz ta' rikors ta' Paul Borg tas-7 ta' Novembru 2022, huwa talab il-kjamat in kawża ta' Daniel Esposito, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2022.

6. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2023 il-kawża tħalliet għas-sentenza flimkien mal-kawża 94/2021 FDP.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited in rappreżentanza ta' Lloyds Insurance Co. SA. ippreżentati fil-21 ta' Lulju 2023.

**Fatti tal-każ**

8. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti kienet tassikura fond ta' Mario Debattista u Rita Debattista, liema fond huwa l-propjeta tagħhom Flat 6, Mary Flats, Cathedral Street, St. Paul's Bay.

9. Jirriżulta li l-intimati huma proprjetarji tal-appartament sovrastanti enumerat 7, Mary Flats, Cathedral Żtreet, St. Pauls' Bay, u l-arja tiegħu, li l-intimati waqqgħu u minfloku bnew erba' appartamenti u penthouse.

10. Jirriżulta li waqt il-kors tal-iżvilupp tal-bini, ġiet ikkawżata ħsara meta x-xogħolijiet kienu għadhom fi stat mhux komplut, u saret ħsara kif jidher fid-dokumenti u ritratti Dok C fol 11 *et sequitur*, u f'Dok D fol 21 *et sequitur*.

11. Jirriżulta illi, permezz ta' Rikors Ġuramentat Nru 94/2021, l-assikurati tas-soċjeta' rikorrenti, ossija Mario u Rita Debattista mexxew kontra Paul u Josephine Borg għall-ħsarat lilhom ikkawżati, liema kawża ġiet intavolata fit-3 ta' Frar 2021.

12. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fis-7 ta' April 2021, is-soċjetà rikorrenti, abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni tagħha, ħallset lill-konjuġi Mario u Rita Debattista l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) u ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha, kif jidher minn Dok E (fol 35) u Dok F (fol 36).

13. Jirriżulta li, sussegwentement, fl-4 ta' Novembru 2021, is-soċjeta' rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni fil-konfront ta' Paul u Josephine Borg, fejn talbu lill-Qorti tikkundannahom iħallsu lura lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' €25,000 li huma ħallsu lill-assikurati tagħhom Mario u Rita Debattista, u li tħallsu lilhom riżultat ta' ħsarat kkawżati mill-intimati konjuġi Borg.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari.**

14. Jirriżulta illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati, li huwa wkoll rifless fir-rikors promotur tas-soċjeta' rikorrenti stess, qed jiġi eċċepit il-*lis alibi pendens* minħabba l-kawża "Mario Debattista et vs Paul Borg et" (94/2021) peress li qed jiġi sostnut li si tratta ta' l-istess inċident, l-istess appartament u dwar l-istess danni, u fejn f'din il-kawża, is-soċjetà assigurattiva qiegħda tissuroga lilha nnifisha fid-drittijiet tal-konjuġi Mario Debattista et, li dwarha hemm il-kawża 94/2021.

15. Għandu jingħad illi, fil-każ 94/2021 li qed tinstema' minn dina l-Qorti kontestwalment mal-kawża odjerna, fit-2 ta' Frar 2022 il-Qorti awtorizzat li il-proċedura odjerna 1088/2021, tinġieb quddiem din il-Qorti sabiex tinstema' flimkien mal-każ 94/2021 (fol 183 tal-każ 94/2021). Dan jinsab rifless ukoll fil-verbal tal-5 ta' Mejju 2022 tal-każ 1088/2021 (fol 53).

16. Dwar l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens,* l-artikolu 792 tal-Kap 12 jipprovdi:

> *"Meta titressaq kawża quddiem il-Qorti kompetenti wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem il-Qorti kompetenti oħra, il-kawża imressqa l-aħħar tista' tigi mibgħuta lil din il-Qorti l-oħra."*

17. Jidher ċar illi, la darba il-kawża odjerna inġiebet quddiem dina l-istess Qorti illi qiegħda tippresjedi fuq il-kawża 94/2021 fl-ismijiet Mario Debattista et vs Paul Borg et, din il-Qorti tifhem illi ma għad hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti tinoltra ruħha aktar f'tali eċċezzjoni, peress illi issa ġiet sorvolata la darba l-kawża odjerna qiegħda tinstema' u tiġi deċiża kontestwalment mal-kawża li għamlu l-assikurati Debattista.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

18. Ikkunsidrat illi l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti hija issa sorvolata, stante illi l-kawża odjerna nġiebet flimkien mal-kawża 94/2021 FDP, kif fuq ġia spjegat, il-Qorti issa tgħaddi biex tikkunsidra r-rimanenti talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, ossija li l-intimati Borg kienu responsabbli għall-ħsarat u li, għalhekk, kellhom jiġu kkundannati jħallsu l-ħsarat ta' €25,000 illi s-soċjeta' rikorrenti ġia ħallset lill-assikurati tagħha Debattista.

19. Jirriżulta illi l-intimati Borg ma humiex qed jikkontestaw ir-responsabbilta' tal-ħsarat, iżda qed jikkontestaw l-ammont ta' danni reklamati mill-konjuġi Debattista, fejn Borg jikkontendu illi huma jħossu li d-danni ma kinux aktar minn €14,000, u għal dan il-għan kienu ddepositaw tali flejjes fil-Qorti permezz ta' żewġ ċedoli.

20. Jirriżulta illi l-konjuġi Mario u Rita Debattista, fil-kawża 94/221FDP, ippreżentaw prospett tad-danni minnu sofferti, kif jidher a fol 27 tal-proċess fuq imsemmi, fejn indikaw illi l-valur komplessiv tal-ħsarat minnhom sofferti kienu jammontaw għal €40,426.14, li minnhom kellu jitnaqqas l-ammont ta' €25,000 li kienu qed iħallsu l-assikurazzjoni, li għalhekk iħalli bilanċ ta' €15,569.14 illi huwa dovut mill-intimati lir-rikorrenti.

21. Jirriżulta illi, fil-kawża 94/2021 FDP, illi qiegħda tiġi deċiża kontestwalment mal-kawża odjerna, wara illi l-Qorti qieset id-dokumentazzjoni kollha ppreżentati quddiemha, qieset illi l-ħsarat komplessivi sofferti mill-konjuġi Debattista riżultat tal-ħsarat ikkawżati mill-intimati Borg kien jammonta għal €39,336.14, minn liema somma, wara li titnaqqas dak ġia mħallas lill-konjuġi Debattista mis-soċjeta' rikorrenti, bħala assikuratriċi tagħhom, ossija €25,000, iħalli bilanċ ta' €14,336.14 li kellu jiġi mħallas mill-konjuġi Borg lill-konjuġi Debattista.

22. Jirriżulta, għalhekk, illi ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-ammont ta' €25,000, imħallas mis-soċjeta' rikorrenti lill-konjuġi Debattista, bħala kumpens abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni illi l-istess konjuġi Debattista kellhom mas-soċjeta' rikorrenti, u li għalihom l-istess konjuġi Debattista ssurrogaw lis-soċjeta' rikorrenti fid-drittijiet tagħhom filwaqt illi żammew ferm id-dritt tagħhom li jitolbu għad-differenza, għandu jkun dovut mill-intimati konjuġi Borg.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi, filwaqt illi

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni ta' 'lis alibi pendens' peress illi ġiet sorvolata;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha fil-meritu tal-intimati Borg.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija sorvolata.

**Tilqa'** t-tieni u t-tielet talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif ġej:

**Tilqa'** t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati huma responsabbli għall-ħsara kollha sofferta mid-ditta assikuratriċi, u mill-assikurati tagħha, bil-perkolazzjoni ta' ilma mill-arja fejn qabel kien hemm l-appartament numru 7, Mary Flats, Cathedral Street, St Paul's Bay, propjeta' ta' l-intimati, u fejn illum jinsabu mibnija erba' appartamenti u penthouse li kienu fi stat ta' ġebel u saqaf.

**Tilqa'** t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati jħallsu lid-ditta rikorrenti l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) liema ammont, is-soċjeta' rikorrenti ħallset lill-assikurati tagħha, konjuġi Debattista, abbażi ta' liema ħlas il-konjuġi Debattista issurrogaw lid-ditta rikorrenti fid-drittijiet tagħhom, kontra l-konvenuti għar-riżarċiment tad-danni sofferti sa l-ammont imħallas lilhom.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku ta' l-intimati.

**Imgħax** huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur